**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru 420/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-Vs-**

**JOSEPH PSAILA**

**Illum, 16 ta' Diċembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **JOSEPH PSAILA**, iben Saviour u Carmen nee' Schembri, imwieled Attard nhar l-14 ta' Marzu 1973, residenti Binja Hesri, Ent. M, Flat 5, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita' 161373M, akkuzat talli nhar is-27 ta' Settembru 2019 ġewwa Zejtun (Zona Industrjali Bulebel):-

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francis Tabone.

2. Talli kkommetta sewqan negliġenti, perikoluż u traskurat.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li g]andhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

II-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Settembru 2021, l-Ufficjal Prosekutur qrat l-akkuzi u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha, fosthom il-*proces-verbal* redatt mill-Magistrat Inkwirenti b'rabta mal-incident in dizamina[1];

Rat l-atti kollha;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet kollha waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jirrizulta li fis-27 ta' Settembru 2019 seħħ inċident barra l-fabbrika Uniplast Limited fejn Francis Tabone, impjegat tal-istess kumpannija, intlaqat minn trakk misjuq mill-imputat b'mod li l-vittma tgħaffeġ bejn it-trakk u l-koxxa tal-bieb tal-fabbrika.

In linea ta' provi, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-vittma Francis Tabone u pproduċiet ukoll il-*proces-verbal* tal-Inkjesta maġisterjali li nżammet b'rabta ma' dan

[1] Dok. PV.

l-inċident, li minnu jirriżulta li l-vittma kien jinstab fil-perikolu tal-mewt b'riżultat tal-feriti li ġarrab.

Francis Tabone xehed quddiem l-espert maħtur fl-Inkjesta, Dr. Mario Buttigieg kif ukoll quddiem din il-Qorti. Fl-Inkjesta huwa xehed illi kien fl-entratura tal-garaxx tal-fabbrika u t-trakk kien ħiereġ 'il barra u huwa osserva l-purtiera tal-ġenb tat-trakk miftuħa u għalhekk, mar biex jirranġaha u dan billi inserixxa ruħu bejn il-koxxa tal-entratura u t-trakk. Dak il-ħin it-trakk qala' u inqabad bejn il-ħajt u t-trakk.

Imbagħad quddiem il-Qorti l-istess Francis Tabone xehed illi huwa ħabib kbir tal-imputat u insista li dan kien inċident sfortunat u li l-imputat ma kienx jaħti xejn għaliex kien hu li mar għall-għarrieda wara t-trakk biex iressaq l-inċirata fil-ġenb tat-trakk biex din ma tinqabadx mal-bieb tal-fabbrika. Qal illi dak il-ħin, it-trakk mexa u għafsu mal-ħajt iżda l-imputat ma setax jarah fil-pożizzjoni li kien fiha. Xehed ukoll illi f'kull każ huwa jaħfirlu ta' dan l-inċident.

L-imputat, Joseph Psaila, xehed quddiem l-espert Dr. Mario Buttigieg iżda dan limitatament biex jgħid li huwa impjegat mal-kumpannija Playmobile (Malta) Limited bħala *section leader*. Huwa għażel li ma jixhidx quddiem il-Qorti f'dawn il-proċeduri. Huwa minnu illi l-imputat kien irrilaxxa wkoll verżjoni lill-Pulizija li kienu investigaw l-inċident u dan kif jirriżulta mir-rapport dwar l-okkorrenza formanti parti mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Buttigieg. Iżda billi ma jirriżultax li huwa kien ingħata preventivament id-drittijiet legali tiegħu inkluż id-dritt li ma jweġibx għal domandi li bir-risposta għalihom seta' jinkrimina lilu nnifsu - minkejja li f'dak l-istadju huwa seta' raġjonevolment jitqies bħala persuna suspettata bil-kommissjoni ta' reat kriminali - u peress illi f'kull każ, ħadd ma xehed biex jikkonferma li effettivament, Joseph Psaila kien irrilaxxa dik il-verżjoni ta' fatti, il-Qorti m'hijiex sejra tqis din il-verżjoni fost il-provi akkwiżiti f'dawn il-proċeduri.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis li għandha tibda biex tittratta s-sottomissjoni tad-difiża li f'dan il-każ kien hemm rinunzja min-naħa tal-parti offiża għall-azzjoni kriminali. Huwa minnu li, kif rajna, Francis Tabone qal li huwa jaħfer lill-imputat u għall-bidu lanqas ried jixhed quddiem il-Qorti, iżda hu evidenti li ġaladarba l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 226(b) tal-Kodiċi Kriminali u mhux bir-reat taħt il-paragrafu (ċ) tal-istess Artikolu, din l-azzjoni hija prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija irrispettivament mill-kwerela tal-parti offiża. Għaldaqstant, ir-rinunzja o meno tal-kwerela tal-parti offiża ma jista' jkollha l-ebda konsegwenza fuq it-tmexxija tal-proċeduri li għandha quddiemha l-Qorti, għalkemm huwa relevanti għall-fini ta' piena f'każ ta' ħtija.

Ikkunsidrat;

Biex tiġi stabbilita l-ħtija o meno tal-imputat għaż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontrih, il-Qorti sejra l-ewwel tanalizza l-insenjament dottrinali in materja ta' sewqan u speċifikatament in materja ta' sewqan fil-kuntest tar-reat involontarju taħt l-Artikolu 226 tal-Kap. 9 li l-imputat jinsab mixli bih fl-ewwel akkuża fiċ-Ċitazzjoni. Dan jistipola illi huwa ħati ta' dan ir-reat kull minn minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, jew nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna offiża fuq il-persuna.

Sabiex tigi ravviżata ħtija fl-imputat ghal dan ir-reat involontarju, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-elementi kostituttivi tar-reat ġewx kollha ippruvati sal-grad li teħtieġ il-liġi fil-kamp kriminali. Jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tressaq quddiem il-Qorti provi li adegwatament jistabilixxu l-ħtija tal-imputat għall-akkadut, u dan billi tipprova waħda mill-forom differenti ta' kondotta kolpuża: (i) in-negliġenza, konsistenti generikament f'nuqqas ta' ħsieb, imprudenza jew traskuraġni u li tiġi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-aġent fil-kondotta tieghu; (ii) l-imperizja, li hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali konsistenti f'nuqqas ta' ħila jew imperizja fl-

arti jew professjoni jew (iii) il-*culpa* li hi dovuta għal non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti li huma maħsuba biex tigi evitata l-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi[2].

Imbagħad, f'din il-kondotta jrid jiġi identifikat u stabbilit ukoll ness ta' kawżalita' ma' akkadut li huwa dannuż u li jikkonsisti f'offiża fuq il-persuna. F'kull kaz, l-elementi tar-reat huma dejjem il-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesiġix[3], ma hemmx ħtija[4].

Ġie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[5]

B'żieda ma' dan, huwa wkoll prinċipju aċċettat illi sewwieq ta' vettura ta' ċertu kobor għandu jżomm attenzjoni fi grad ferm ogħla minn dak inkombenti fuq sewwieq ta' vetturi regolari appuntu minhabba l-kobor tal-vettura li jkollu taħt il-kontroll tieghu. In materja ġie ritenut li min isuq vejikolu ta' ċertu kobor għandu:- "… *jezercita' prudenza massima fis-sewqan b'mod li jassigura li f'kull hin ikun f'pozizzjoni li jikkontrollaha, anke jekk rinfaccjat b'cirkostanzi ta' emergenza subitaneja. Mhux biss*

[2] Vide **Il-Pulizija v. Ludwig Micallef**, deċiża 17 ta' Ottubru 2010.
[3] F'liema kaz tigi ravvizata l-colpa levissima li mhijiex inkriminabbli fis-sistema guridika taghna.
[4] Vide in propositu : **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
[5] **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.

*il-kobor imma wkoll it-toqol tal-vettura kienu elementi li jimponu kawtela akbar fuq is-sewwieq…*"[6]

Huwa wkoll paċifikatament ritenut illi fil-forum kriminali il-konduċent iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddieħor, purche` dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklussivament għall-ħtija u l-kondotta ta' ħaddiehor[7]. Jekk effettivament jinstab li kien hemm xi negliġenza da parti ta' terzi li kkontribwixxiet għall-akkadut dannuż, dan jista' jservi biss bhala temperament fil-piena u xejn aktar[8]. **In tema jinsab ritenut illi s-sewwieq ta' vettura jista' jkun eżentat mir-responsabbilita` penali biss fl-ipotesi fejn il-vittma b'xi att inaspettat jew xort'ohra b'xi għemil tiegħu ikun issorprenda lis-sewwieq b'mod li poġġieh f'pożizzjoni li, anki bl-użu tad-diligenza, dan ma setax assolutament jevita l-investiment**[9].

Ikkunsidrat;

Illi hija fliet il-provi senjatament il-filmat li ġie elevat mill-espert tekniku maħtur fl-Inkjesta mill-fabbrika, liema filmat juri l-inċident iseħħ. Minn dan il-filmat hu evidenti li t-trakk misjuq mill-imputat kien qiegħed jirriversja b'mod angolat fid-direzzjoni tal-bieb tal-fabbrika u li Francis Tabone, il-vittma, kien qiegħed jaralu billi jagħmillu sinjali u l-Qorti fehmet illi l-imputat kien qed dawwar it-trakk tiegħu b'lura bl-assistenza tal-imputat. Hawnhekk it-trakk jieqaf fil-bokka tal-maħżen u l-vittma jidher dieħel bejn il-ġenb ta' wara tat-trakk fuq in-naħa tal-passiġġier, u l-koxxa tal-bieb tal-fabbrika biex jirranġa dak li jirriżulta li hija l-purtiera tal-ġenb tat-trakk, meta f'daqqa u l-ħin it-trakk jibda miexi 'l quddiem u l-vittma jinqabad bejn il-ħajt tal-entratura tal-garaxx u l-istess trakk.

---

[6] **Elmo Insurance Services Limted et vs PC 537 Joseph Micallf et** – Appell Civili deciza 5/10/2001. Ara wkoll **Brian R. Mizzi et noe vs John Ciappara** – Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 26/3/2003.
[7] Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131).
[8] Ara wkoll fir-rigward, **Il-Pulizijja vs Vincent Cassar**. deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 4 ta' Settembru 2018.
[9] App. Krim. **Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud** [deciza 26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859.

Hawnhekk huwa ovvju għall-Qorti li fil-pożizzjoni li effettivament waqaf, ċioe' angolat lejn ix-xellug, it-trakk ma setax jerġa' jew ikompli jsuq b'lura għaliex kien ikaxkar, inevitabbilment, il-ġenb ta' wara tiegħu mal-koxxa tal-bieb. Għalhekk kellu jkun evidenti għal Francis Tabone li t-trakk, li wara kollox jidher li kien qed jimmanvura biex jitlaq mill-fabbrika, kien wieqaf biss għal ftit sekondi u kien ser isuq b'mod imminenti. Madanakollu, dak il-ħin il-vittma ddeċieda li jinserixxi ruħu fil-ftit wisa' li kien hemm bejn il-kantuniera ta' wara tat-trakk u l-koxxa tal-bieb tal-maħżen biex, skont hu, jirranġa l-inċirata. Din il-mossa jirriżulta li għamilha b'mod inaspettat u evidentement mingħajr ħa ħsieb jgħarraf jew jiġbed l-attenzjoni tax-xufier - li kien mistenni li ser isuq minn waqt għal ieħor - biex ma jaqlax. Il-Qorti ma tistax tifhem kif il-vittma, meqjus dan kollu, ma ntebaħx illi fil-pożizzjoni li ddeffes fiha bejn il-koxxa tal-bieb u l-ġenb ta' wara tat-trakk, kien sejjer inevtiabbilment jitgħaffeġ kif appena t-trakk jaqla' 'l quddiem.

Kif ingħad, mill-filmat esebit fl-atti jirriżulta ċar illi l-imputat saq 'il quddiem u b'effett ta' din il-manuvra, il-vittma inqabad bejn il-ġenb tat-trakk u l-koxxa tal-bieb hekk kif it-trakk beda miexi 'l quddiem. Il-Qorti ma taqbilx li l-imputat kien jew messu kien jaf bil-prezenza tal-vittma direttament wara t-trakk u lanqas setgħet din il-presenza tkun prevedibbli għalih: kif ingħad, il-vittma feġġ inaspettatament fl-inqas waqt mistenni, f'pożizzjoni fejn l-ebda persuna raġjonevoli kienet tinserixxi ruħha dak il-ħin meta kien altru minn prevedibbli li t-trakk kien ser jiċċaqlaq u li jekk jiċċalqaq, x'kien ser ikunu l-konsegwenzi ovvji.

Inoltre, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn l-imputat ser jaqla' 'l quddiem u mhux b'lura, il-Qorti ma tirravviża ebda manuvra imprudenti jew inaspettata jew xi aġir da parti tiegħu li jinvolvi ċertu riskju li jmur lil hinn mill-i*standards* tal-*bonus pater familias* u li jikkostitwixxi n-negliġenza, traskuraġni jew imprudenza li teħtieġ il-liġi bħala element kostituttiv tar-reat taħt l-Artikolu 226 tal-Kap. 9.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** riteniet illi:-

*"Jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."*

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tiegħu, jgħid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

Kif stabbilit, il-Qorti ma riskontrat l-ebda prova li fis-sewqan tiegħu l-imputat naqas f'xi wieħed minn dawn l-aspetti. Għalkemm huwa minnu li l-imputat kien qed isuq trakk ta' daqs konsiderevoli, tqis ukoll li għall-fini ta' din il-manuvra intiża tiegħu, huwa ma kien taħt l-ebda dmir li jħares lura preventivament lejn il-bokka tal-maħżen biex jiddetermina li ma kien xi hemm ħadd warajh li seta' ddeċieda li jiddeffes bejn it-trakk u l-ħajt. Għall-Qorti dan ifisser li l-inċident kien inevitabbli għall-imputat u l-fatt li ma ħarisx lura u l-fatt li huwa ma pprevediex manuvra inaspettata u irraġjonevoli bħal dik tal-vittma, żgur li ma jistax jitqies bħala nuqqas ta' konformita' ma' xi regola tas-sewqan, mal-i*standards* tas-sewqan prudenti u mal-i*standards* ġenerali ta' persuna raġjonevoli, wisq anqas bħala manifestazzjoni ta' traskuraġni da parti tiegħu.

Għall-kuntrarju, huwa tabilħaqq fil-manuvra tal-vittma li l-Qorti tirravviża l-kawża determinanti tas-sinistru għaliex kif rajna, kien hu stess li feġġ għall-għarrieda fuq in-naħa tal-passiġġier tat-trakk mingħajr ma għarraf lill-imputat li kien ser jirranġa l-purtiera tat-trakk u biex ma jsuqx 'il quddiem.

Dan kollu jfisser li l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-ewwel imputazzjoni u per konsegwenza, lanqas tat-tieni imputazzjoni.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil JOSEPH PSAILA ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**Konsegwentement qiegħda tiċħad ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħlas tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**